MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2001

Avvi$Z Numru. 495/2001/1

**Avviz Nru:- 495/01**

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Charles Mizzi u martu Helena Mizzi**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema s-socjeta’ attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ erbgha mija u hamsa u sebghin liri Maltin (Lm475) rapprezentanti import ta’ sitt kambjali wahda ta’ hames liri Maltin (Lm5) u l-ohrajn ta’ erbgha u disghin liri Maltin (Lm94) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Dicembru 2000 sa Mejju 2001 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri 1 sa 6 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 t'April 2001 jammontaw ghal sebgha lira Maltin (Lm7), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Marzu 2001 kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti ma dehrux la biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Rat in-noti tal-atturi tat-2 ta' Novembru 2001, fejn cedew is-sorte izda zammew ferm il-kap tal-ispejjez.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti ghalhekk qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu l-ispejjez tal-kawza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------